MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 83/2009

**Maria Grech;**
**Manuela Grech;**
**Roseanne Haber**

**vs**

**Stephen u Carmena konjuġi Cassar**

**Illum It-Tlieta, 28 ta' Mejju 2013**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-atturi, wara li ppremettew :

1. Illi l-attur huma proprjetari ta' porzjon art diviża magħrufa bħala 'Tal-Għalqa' li tinsab fi Triq il-Belliegħa,

Victoria, Għawdex, tal-kejl ta’ ċirka erba’ (4) siegħan u tmiss tramuntana mat-triq, lvant ma’ beni ta’ Francesco Dimech u punent ma’ beni ta’ Carmelo Cordina jew aventi kawża tagħhom, liema porzjon art tidher aħjar murija bil-kulur aħmar fuq il-pjanta u site-plan hawn annessa bħala Dokument ‘A’;

2. Illi huma akkwistaw din il-porzjon art mill-wirt u s-suċċessjoni ta’ ommhom Grazzia Galea nee’ Dimech illi kienet wirtitha mingħand missierha Carmelo Dimech;

3. Illi l-imsemmi Carmelo Dimech kien akkwista din il-prozjon art permezz ta’ kuntratt ta’ bejgħ magħmul fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo datat ħmistax (15) ta’ Marzu tas-sena elf disa’ mija u ħamsa u tletin (1935) li kopja tiegħu u traduzzjonit iegħu qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dokumenti ‘B’ u ‘C’;

4. Illi l-konvenuti Casar għandhom id-dar tar-residenza tagħhom qrib ta’ din il-porzjon art tal-esponenti u ċioe’ fuq in-naħa tax-xellug tal-art meta wieħed iħares lejn il-pjanta annessa. L-istess konvenuti għandhom ukoll xi raba’ fuq in-naħa tal-lemin tal-istess art;

5. Illi riċentament il-konvenuti Cassar bdew jaqsmu min-nofs il-porzjon art tal-esponenti, hawn fuq aħjar deskritta, sabiex mill-fond ta’ residenza tagħhom jaċċedu għar-raba’ tagħhom li tinsab fuq il-lemin tal-art tal-esponenti;

6. Illi l-konvenuti qatt ma ngħataw xi dritt li jaqsmu min-nofs l-art tal-esponenti sabiex jaċċedu għar-raba’ tagħhom u fil-fatt sa ftit żmien ilu, l-konvenuti kienu jużaw aċċess ieħor li ma kellu xejn x’jaqsam mal-art in kwistjoni;

7. Illi l-art tal-esponenti ma hijiex soġġetta għal xi dritt ta’ passaġġ la favur l-art tal-konvenuti u lanqas favur terzi u għalkemm l-konvenuti ġew debitament interpellati mill-atturi permezz ta’ żewġ ittri uffiċċjali numri 316/2009 u 348/2009, sabiex ma jkomplux jgħaddu minn fuq l-art tagħhom, il-konvenut baqgħu inadempjenti.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-konvenuti m'għandhom ebda dritt jew titolu fil-liġi li jgħaddu minn fuq il-proprjeta' tal-atturi delinejata bl-aħmar fuq l-annessa pjanta u site-plan;

2. Tinibihom definittivament milli jkomplu jgħaddu minn fuq din il-proprjeta'.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuti li biha eċċepew:

1. Illi l-pretensjonijiet ta' l-atturi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt stante li dan id-dritt ta' passaġġ ġie akkwistat mill-esponenti u l-awturi tagħhom fit-titolu bis-saħħa tal-preskrizzjoni triġennarju a tenur ta' l-artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili. Dan il-passaġġ ilu jintuża mill-esponenti u l-awturi tagħhom fit-titolu għall-perijodu ta' iktar minn tletin (30) sena;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, il-passaġġ li jgawdu l-esponenti minn fuq l-art proprjeta' tar-rikorrenti huwa wieħed neċessarju stante li l-proprjeta' ta' l-esponenti hija interkujuża u ma għandhiex aċċess dirett minn triq pubblika skond kif sejjer jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Per konsegwenza d-dirtt ta' aċċess li fil-preżent jgawdu l-esponenti huwa mogħti lilhom b'mod awtomatiku mil-liġi;

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

4. B'riferenza għall kull paragrafu ġuramenta, imbagħad, l-esponenti għandhom is-segwenti x'jirrilaxxaw:

a) Illi l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' paragrafi tar-rikors ġuramentat mhumiex kontestati;

b) Illi l-ħames paragrafu huwa kontestat stante li assolutament mhuwiex minnu illi l-esponenti bdew jgħaddu minn dan il-passaġġ riċentament. Anzi l-esponenti u l-awturi tagħhom fit-titolu ilhom jagħmlu użu

min dan il-passaġġ bl-istess modalita' għall-għexieren ta' snin skond kif sejjer jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

c) Illi l-għalqa ta' l-esponenti hija interkjuza u ma għandha l-ebda aċċess minn triq pubblika. Il-passaġġ minn fuq il-proprjeta' tar-rikorrenti li l-esponenti jagħmlu użu minnu huwa għalhekk wieħed neċessarju. Dan minn dejjem kien l-uniku passaġġ li jwassal għall-proprjeta' ta' l-esponenti u qatt ma kien hemm xi aċċess ieħor. Isewgwi għalhekk li dak li jingħad fis-sitta u fis-seba' paragrafu tar-rikors ġuramentat huwa wkoll kontestat.

Rat id-digriet tagħha tas-16 ta' April 2013 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti u affidavits esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu dikjarazzjoni minn din il-Qorti li l-konvenuti ma jgawdu ebda servitu' ta' passaġġ minn fuq ir-raba tagħhom indikata fir-Rikors ġuramentat. M'hemmx dubbju li l-azzjoni ttentata mill-atturi hija l-hekk imsejjħa **azzjoni negatorja.** Jiġi mgħallem fid-dottrina legali f'dan ir-rigward illi:
"***Si dice negatoria l'azione spettante al proprietario per difendersi da quelle usurpazioni, che, senza sopprimere interamente il dominio sulla cosa…. arrecano delle limitazioni all'ezercizio del medesimo, e si dice negatoria perche' tende a negare un diritto vantato dal convenuto. L'actio negatoria, secondo l'opinione prevalente, ha luogo ogni qual volta avenga un'ingusta restrizione del diritto di proprieta'***."[1]

Fil-każ in eżami l-konvenuti mhux jiċħdu illi jippretendu illi għandhom dritt ta' servitu' ta' passaġġ fuq l-art ta' l-atturi.

[1] Digesto Italiano vol.VIII.pt.I.pag.859 (Torino 1929); per V.Campogrande

Anzi jsostni illi huma ilhom żmien twil jgħaddu minn fuq ir-raba ta' l-atturi sabiex jaċċedu għar-raba li għandhom fil-viċinanzi ta' dik ta' l-atturi.

Dwar il-**provi** meħtieġa sabiex tirnexxi kawża bħal din, ikompli jingħad fl-istess opra illi:

"***Fondamento dell'azione negatoria essendo la proprieta', l'attore deve provare in primo luogo che egli e' proprietario….In secono luogo l'attore deve provare la sofferta restrizione del suo diritto di proprieta', per fatto del convenuto. Se questi vuole sostenere che egli aveva diritto di compiere il fatto di cui l'attore sa lagna, deve fornire la prova, poiche tale fatto limita l'esercizio del diritto di proprieta' che e' illimitato per sua natura***."[2]

L-istess jispjega **Francesco Ricci** fl-opera tiegħu "*Corso Teorico-Pratico di Diritto Civilie* (Torino ed.1886 vol.II # 473):

"***L'azione negatoria****, come indica lo stesso nome, tende a far riconoscere la liberta' del fondo, ed escludere percio' la servitu' che altri pretenda di esercitare sul medesimo. Devesi proporre dal proprietario del fondo, che vuolsi far dichiarare libero, contro il proprietario del fondo, a cui profitto si pretende esercitare la servitu'…….*

*E' questione, se nell'esercizio della negatoria l'onere della prova incomba all'attore o al convenuto. La liberta' del fondo e' presunta, perche' e' una conseguenza del diritto di proprieta' competente sul medesimo; l'attore dunque ha nell'esercizio della negatoria a suo favore la presunzione, ed in conseguenza non esso, ma chi si fa a combattere tale presunzione, affaciando l'onere stabilito della servitu', ha l'obbligo di somministrare la prova*."

Mhux kontestat li l-atturi huma l-proprjetarji tar-raba' magħruf "tal-Għalqa" fi Triq il-Belliegħa, ir-Rabat, Għawdex, indikat fir-Rikors Ġuramentat. Jirriżulta mill-

---
[2] ibid. pag.860

kopja tal-kuntratt esebit ma’ l-istess Rikors illi dan ir-raba’ kien akkwistah in-nannu matern tagħhom Carmelo Dimech, b'att ta' xiri tal-15 ta' Marzu 1935.[3] Omm l-atturi aħwa Galea wirtet l-istess raba’ mingħand missierha, u mbagħad waqgħet f’idejn l-atturi mal-mewt ta’ ommhom Grazia mart Michelangelo Galea.[4] Fl-istess inħawi, l-konvenuti huma l-proprjetarji ta’ biċċa raba li huma akkwistaw permezz ta’ att ta’ xiri mingħand l-aħwa Sultana mix-Xagħra.[5] Dan ir-raba’ ma jikkonfinax ma’ dak ta’ l-atturi, imma peress li huwa nterkjuż, (u dwar dan jaqbel kulħadd), il-konvenuti jippretendu li jgawdu aċċess minn fuq l-art ta' l-atturi, li minn naħa tal-punent tmiss ma’ Triq il-Belliegħa.[6] Minn naħa l-oħra l-atturi jsostnu li l-aċċess għar-raba’ tal-konvenuti huwa minn rampa li hemm fil-kantuniera ta’ l-istess triq fid-direzzjoni ta’ Marsalforn.[7]

Stabiliti l-provi dwar il-proprjetajiet rispettivi, u l-fatt li l-konvenuti qegħdin jgħaddu minn fuq ir-raba ta’ l-atturi sabiex jaċċedu għar-raba’ interkjuż tagħhom, jibqa' għalhekk biss sabiex jiġi ppruvat mill-konvenuti illi tassew jeżisti dan is-servitu' ta' passaġġ a favur tagħhom minn fuq ir-raba’ ta’ l-atturi ndikat fir-Rikors ġuramentat. Kif ġie anke konfermat mill-qrati tagħna, f'**azzjoni negatorja**: "*…il-piż tal-prova tal-eżistenza ta' dak il-passaġġ jinkombi fuq il-konvenut*." [8]

Is-**servitu' ta' passaġġ** huwa klassifikat fil-liġi[9] u fid-dottrina bħala wieħed apparenti u diskontinwu; apparenti għax jidher illi terzi jkunu qed jgħaddu minn fuq art ta' ħaddiehor, u diskontinwu għax dan id-dritt ma jiġix eżerċitat il-ħin kollu. "***La servitu' di passaggio e' discontinuo pei suoi caratteri, e dalla legge e'***

---

[3] ara kopja tal-kuntratt in atti Nutar Francesco Refalo esebit bhalaDok.B a fol. 7 – 8 tal-process u traskrizzjoni tieghu esebita bhala Dok.C a fol. 9 - 13; l-art in kwistjoni tidher bhala l-art ibbordutata bl-ahmar fuq il-pjanta annessa mar-Rikors bhala Dok.A a fol.6
[4] Ara kopja tad-Dikjarazzjoni causa mortis ta’ omm l-atturi, esebita bhala Dok.RH 1a fol. 68 – 80; l-art in kwistjoni hija dik imsemmija bhala item no.5 a fol. 70
[5] Ara kopja tal-kuntratt relattiv in atti Nutar Dr.G.Cauchi tat-18.09.1970, esebita bhala Dok.M a fol. 291 - 293
[6] Ara pjanta esebita bhala Dok.A a fol 6.
[7] Ara ritratt immakat bhala “Dok. Rampa” a fol.81
[8] Appell: Domenica Vella vs Giovanni Magro (kollez.vol.XLI.i.69
[9] art.455(1) u (3) tal-Kodici Civili taghna (Kap.16))

***collocata appunto fra le servitu' discontinue*."[10] Għalhekk servitu' bħal dan jista' jiġi akkwistat biss bis-saħħa ta' **titolu**.[11] "***Per titolo s'intende l'atto giuridico, formale, costitutivo di una servitu', sia esso una convenzione gratuita od onerosa, sia una disposizione di ultima volonta': la vendita o la divisione sono le convenzioni con le quali piu' frequente si stabiliscono le servitu' prediali*."[12]

Fil-każ in eżami ma ġiet prodotta ebda prova ta' titolu da parti tal-konvenuti, li minnha jista' jingħad li oriġina dan l-allegat servitu' ta' passaġġ favur tagħhom. Anzi l-ebda wieħed mill-kuntratti ta' akkwist tar-raba' relattiv hawn fuq indikati ma jsemmi xi ħaġa f'dan ir-rigward.

Eċċezzjonalment pero', servitu' simili jista' jiġi akkwistat ukoll bil-**preskrizzjoni** ta' tletin sena, meta jirriżulta illi l-art dominanti hija interkjuża.[13] Huwa minnu illi, kif rajna, l-artipposseduta mill-konvenuti f'dawk l-inħawi ma għandha l-ebda aċċess dirett għat-triq, u biex jidħlu fiha jridu neċessarjament jgħaddu minn fuq l-art ta' ħaddiehor. Dan il-fatt l-anqas ma ġie miċħud mill-atturi, li jikkontendu biss illi dan il-passaġġ huwa minn fuq raba' ta' ħaddiehor u l-mogħdija minn fuq l-art tagħhom assolutament mhix meħtieġa.

Ġie mgħallem pero' fid-dottrina ġuridika illi sabiex jiġi akkwistat dan id-dritt ta' passaġġ bil-preskrizzjoni trentennali*:"… non dovrebbesi in generale ammettere a domandare il beneficio largito dall'articolo 682* (simili għall-art.469(2) tagħna), *il proprietario che volontariamente avesse lasciato il proprio fondo chiudere da ogni parte, a ragion d'esempio, col fabbricare in giusa da privarsi, per l'immediato fatto della fabbrica, del passaggio con vettura sul suolo ,il quale prima della costruzione servivagli di transito per giungere alla pubblica via."* [14]

---

[10] Digesto Italiano: vol.XXI.pt.3 pag 151 per V.Galante
[11] art.469(1) tal-Kap.16
[12] op.cit.pag.153
[13] art.469(2) tal-Kap.16
[14] Demolombe: Corso di Diritto Civile: vol.Vi -XI no.605 ed.Par.

Similment il-**Pacifici Mazzoni** jgħid: "*In ogni caso lo stato di chiusura del fondo non deve essere la conseguenza di un fattto compiuto o consentito dal proprietario ;perciocche' allora non si verificherebbe punto la condizione della necessita' assoluta o relattiva del passaggio; occorre che esso sia l'effetto di un avvenimento indipendente dalla volonta' di lui."* [15]

Hekk ukoll il-**Baudry-Lacantinerie** jgħallem illi: "*E' dunque soltanto allorche' l'interclusione risulta da un caso fortuito, come il cambiamento del letto di un fiume,ovvero allorche' esiste da tempo immemorabile di modo che sia impossibile determinare la causa,che il proprietario del fondo interchiuso puo' reclamare il diritto di passaggio accordato dai nostri articoli. Le parti non possono far subire al vicino le conseguenze di una interclusione che risulta dal loro fatto*." [16]

Dan l-insenjament ġie wkoll applikat mil-qrati tagħna u nfatti ġie deċiż illi: "*Biex l-interkjużura ta' fond tagħti lok għall-mogħdija fuq il-fondi viċini, hemm bżonn li dik l-interkjużura tkun l-effett ta' avveniment indipendenti mill-volonta' tal-proprjetarju ta' dak il-fond."*[17]

Dan kollu jfisser illi:

(i) biex ikun hemm akkwist ta' passaġġ bil-preskrizzjoni, l-element essenzjali huwa li l-art li tkun qed takkwista dan id-dritt, tkun interkjuża u ma għandhiex aċċess għat-triq minn fuq proprjeta' oħra;

(ii) il-bżonn ta' aċċess minn fuq l-art ta' ħaddiehor trid tirriżulta minn ċirkostanzi li jkunu indipendenti mill-volonta' ta' min ikun qed jirreklama dan id-dritt; u

(iii) proprjetarju ma jistax hu stess joħloq sitwazzjoni fejn ikollu bżonn aċċess minn fuq l-art tal-viċin.

---

[15] Istituzioni vol.III pte.II pag.209,n.257
[16] Dei Beni pag.815
[17] Prim'Awla: Francis Baldacchino et vs George Debono:16.1.2003; ara wkoll: Prim'Awla:DeGiorgio vs Zammit Tabona: 15.10.1982

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, nsibu lill-**konvenuti j**allegaw illi sa minn meta r-raba' tagħhom kien għadu f'idejn il-predeċessuri fit-titolu tagħhom, il-mogħdija għar-raba tagħhom kien dejjem jiġi eżerċitat bil-mod pretiż minnhom minn fuq l-art llum ta' l-atturi, u qatt ma ġew iddisturbati fl-użu ta' dan il-passaġġ. Sew l-atturi kif ukoll il-qraba tagħhom sostnew illi biex jaċċedu għal din l-għalqa interkjuza huma l-ewwel jitelgħu minn taraġ tal-ġebel mqiegħed f'ħajt tas-sejjieħ li jifred ir-raba' ta' l-atturi mit-triq.[18] Hekk kif jaslu fl-għalqa ta' l-atturi[19] jsibu speċi ta' passaġġ magħmul minn ġebel tal-kantun imqegħda fil-ħamrija, waħda wara l-oħra, li jibqa' sejjer tul l-għalqa kollha ta' l-atturi, u jservi wkoll biex jiddividi din l-għalqa minn dik ta' ġertu Dwardu Grech lejn in-nofsinhar. Jgħaddu minn fuq dan il-passaġġ sa x'hin jiġu bi dritt l-għalqa tagħhom, u minn hemm jaqsmu min-nofs l-għalqa ta' l-atturi u oħra magħrufa "tal-werrieta" [20] (li minnha l-partijiet fil-kawża għandhom ukoll sehem indiviż) sakemm jaslu fl-għalqa tagħhom.[21] Infatti dwar dan ġew anke kkorroborati minn Rita Mifsud, waħda mill-vendituri li biegħet lill-konvenuti l-għalqa nterkjuża tagħhom, li fl-affidavit tagħha spjegat illi: "…*biex nidħlu għall-biċċa raba' tal-ħames kejliet konna ridna ngħaddu minn taraġ tal-ġebel f'ħajt tas-sejjieħ fi Triq Belliegħa. Minn dan it-taraġ konna imbagħad naqbdu passaġġ bejn l-għelieqi u wara imbagħad naqsmu minn nofs għalqa proprjeta' ta' ħaddiehor sabiex inkunu nistgħu naslu għall-għalqa tagħna. Jiena dejjem niftakar li għaddejna minn dak il-passaġġ u dan ukoll peress li kien l-uniku mod kif stajna naslu għall-għalqa tagħna*." [22] Dan reġgħet ikkonfermatu fil-kontro-eżami tagħha meta fuq domandi speċifiċi tal-legali ta' l-atturi enfasizzat li dan l-aċċess kien jibda minn taraġ tal-ġebel u mhux minn xi rampa.[23] Hekk ukoll l-imsemmi Dwardu Grech, kif ukoll ħuh John, li jikkoltiva

---

[18] ritratt Dok.JG 3 a fol.85

[19] ritratti Dok.JG 4 ibid.. u Dok.JG 2 a fol. 84

[20] Ritratt Dok.JG 1 a fo.84

[21] Ara affidavits ta' :Stephen Cassar,Dok.SC a fol.191 -192; Carmen Cassar, Dok CC a fol. 193 – 194; Dr .Joshua Grech, Dok.JG a fol. 177 -178; u Josephine Grech, Dok.JG x a fol. 179

[22] Ara affidavit taghha tat-8.02.2010 esebit bhala Dok.RM a fol. 22

[23] Ara dan il-kontro-ezami a fol. 52 – 62, u partikolament a fol. 57

għalqa oħra li tiġi wara dik ta' ħuh, ikkonfermaw li l-konvenuti jgħaddu b'dan il-mod biex jaċċedu għall-għalqa tagħhom.[24] Anzi Dwardu Grech kompla jispjega kif xi kultant meta l-konvenut jkun irid juża l-moħriet, jgħaddi minn fetħa li hemm fil-ħajt ta' l-għalqa tiegħu,[25] b'mera tolleranza kif jagħmlu bdiewa oħra li għandhom raba' fl-inħawi, inkluż l-istess atturi.[26] Minn naħa tiegħu John Grech fisser kif  xi żmien ilu, u qabel ma ħuh għamel il-fetħa msemmija fl-għalqa tiegħu, kien jagħmel użu biex jitla' bil-moħriet minn dik li l-atturi jsejħu "rampa" fil-kantuniera ta' l-għalqa "tal-werrieta", dik li l-atturi jsostnu li l-konvenuti għandhom jgħaddu minnha, imma qatt ma ra lill-konvenut jitla' minn din ir-rampa. Intant fissser kif huwa innifsu ftit laħaq għamel użu minn din ir-rampa għax kienet wieqfa u skabruża wisq.[27]

Dan kollu pero' ġie miċħud mill-atturi,[28] li sostnew illi l-konvenuti bdew jgħaddu minn fuq l-art tagħhom wara li dawn kienu wirtuha mingħand missierhom Michelangelo Galea, li għal żmien twil kien jaħdem l-għalqa tiegħu f'dawk l-inħawi. Imma la huma u wisq anqas Joseph Grech, ir-raġel ta' l-attriċi Maria Grech, li beda jaħdem din l-għalqa wara l-mewt ta' missiehom, ma kien f'posizzjoni jikkonferma li qatt ra lill-konvenut jew lil xi ħadd mill-membri tal-familja tiegħu jaċċedi għar-raba tagħhom minn dik ir-rampa li huma jsostnu li hija l-aċċess proprju għall-għalqa tal-konvenuti.  Infatti jammettu illi huma sempliċement jippresumu dan, għax din ir-rampa hija eqreb l-għalqa tal-konvenuti.[29] Imma ma rnexxielhomx jipproduċu ebda xhud indipendenti li seta' jikkonfema din it-teżi tagħhom.

M'hemmx għalfejn jingħad illi l-fattur taż-**żmien** meħtieġ għall-akkwist ta' servitu' bħal din bil-preskrizzjoni irid jiġi stabilit fil-grad ta' ċertezza meħtieġa fil-kamp ċivili. Apparti

---

[24] Ara affidavit ta' Edward Grech, Dok.EG  a fol. 23 u dak ta' John Grech a fol.115 -  128
[25] Ara ritratt JG 5 afol 86
[26] Ara kontro-ezami tieghu a fol.93 - 114
[27] ara deposizzjoni ta' John Grech hawn fuq indikata
[28] ara affidavit ta' Maria Grech ,Dok.B   a fol. 50 -51;  dak ta' Rosanne Haber, Dok.C   a fol.66 -  67; u dak ta'  Emanuela Grech, Dok.E   a fol .88-
[29] Ara affidavit ta' Joseph Grech, Dok.D a fol.82 – 83, u kontro-ezami tieghu afol. 195 - 205

x-xhieda kollha hawn fuq indikata, li kkonfermaw li dejjem raw lill-konvenut jutilizza t-taraġ u l-passaġġ imsemmija minn fuq l-għalqa ta’ l-atturi sabiex jaċċedi għar-raba’ tiegħu, minn kemm ilu li akkwistah fis-sena elf disa’ mija u sebgħin (1970), hemm ukoll ix-xhieda ta’ Rita Mifsud, waħda mil-vendituri ta’ l-istess raba’ li kkonfermat li l-aċċess għaliha dejjem kien isir mit-taraġ imsemmi. Dan ifisser li l-aċċess minn fuq ir-raba’ ta’ l-atturi bil-mod pretiż mill-konvenuti ilu jintuża għal perijodu ferm aktar mit-tletin (30) sena meħtieġa mil-liġi. Jista’ liberament jingħad ukoll illi dan l-użu kien qed isir mingħajr ebda kontestazzjoni jew interruzzjoni tul dan il-perijodu kollu. Konsegwentement dan il-fattur taż-żmien rikjest mil-liġi għall-preskrizzjoni jirriżulta wkoll illi ġie sodisfaċentement ippruvat.

Għaldaqstant billi jirriżulta li l-konvenuti rnexxielhom jippruvaw illi r-raba’ tagħhom laħaq akkwista dan id-dritt ta' servitu' ta' passaġġ minn fuq ir-raba’ ta' l-atturi indikat f’dan ir-rikors ġuramentat bis-saħħa tal-preskrizzjoni trentennali, kif stabilit fid-dottrina u ġurisprudenza, it-talbiet ta' l-atturi ma jistgħux jirnexxu.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------